**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78

**13 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Rita Borg - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
Owen Patrick Attard – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Francis Pullicino - Kunsillier
Jimmy JM Calleja – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sindku Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku Karl Cutajar, Rita Borg, Nancy Aquilina, Deborah Mifsud ,John Mizzi, Kaylocke Buhagiar,Owen Patrick Attard u Luke Vella. Fil-bidu tal-laqgħa kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill Mr. Christian Vella. Lejn l-aħħar tal-laqgħa kien hemm preżenti wkoll Terry Muscat u Philip Xuereb membri ta'Muza Kalkariza

**78.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

78.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

78.1.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet żewġ ittri ta' apoloġiji mingħand il-Kunsilliera Francis Pullicino u Jimmy JM Calleja. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

78.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 77 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

78.2.2Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jikkummenta li fl-aħħar laqgħa huwa kien talab rendikont tad-dejn li għandu l-Kunsill u din ġiet imwieġba bis-saħħa tal-accountant preżenti. Huwa talab ukoll fuq il-każijiet pendenti li għandu l-Kunsill. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia twieġbu li hemm tlett każijiet pendenti.

78.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier is- Sa Deborah Mifsud issekondat mill-Kunsilliera is-Sa Rita Borg, il-minuti tal-laqgħa numru 77 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**78.3 Matters Arising**

**78.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

78.4.1 Il-ġimgħa ta' qabel ma saret il-laqgħa kien hemm l-inawgurazzjoni mil-LESA biex issir il-football pitch. Il-Kunsillier Antoine Attard staqsa x'ser isir eżatt u s-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia spjegatlu li ser isir xogħol fuq it-turf.

78.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia qalet li għall-fini tal-BOV hija s-segretarju tal-eżekuttiv tal-Kunsill ta' Birkirkara.

78.4.3 Il-Kuntratt mar-Railway Foundation wasal biex jingħalaq. Is-Sindku tispjega li l-Kunsilliera kienu approvaw.

78.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tgħid li harġet MOU bejn il-Kunsill u r-ROXY imbagħad ħarġet MOU oħra bejn ROXY, il-Kunsill u l-Lands. Qegħdin fil-proċessgħand l-avukat biex jaraw hux kollox sew.

78.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjega li xi xhur ilu kienu semmew li l-lift tal-istazzjon ħa jsir through tender - oriġinarjament kienu ħarġu tlett tenders, ħadd m'applika imbagħad kien hemm xi ħadd interessat u bagħat quote. Il-Kelma ser tinbidel minn tender għal quote. Il-Kunsillier John Mizzi jistaqsi min ħa jkun qed juża dan il-lift u fejn ser ikun u jgħidulu li dan il-lift ser jintuża biss meta l-mużew tal-istazzjoni ikun miftuħ.

78.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjega li Il-Kunsill għandu l-flus biex jagħmel il-lift tal- binja tal Kunsill imma m'għandhomx il-flus biex jagħmluh kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tistaqsi, issa li jafu l-istat tal-finanzi tal-Kunsill, jaqblux li joħorġu l-kumplament tal-flus. Tawhom €80,000 u jridu jinħarġu madwar €40,000 oħra. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li din hija deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kunsill il-ġdid. Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi fuq is-sigurta' tiegħu, u s-Sa. Mandy Farrugia tikkonferma li dan huwa safe għaliex ġie ċċekjat.

78.4.7 Il-Kunsill irċeva email fuq Clean Up the World fejn il-Kunsill kien ta data tal-11 ta' Settembru biex din issir. Hija tistaqsi jekk hemmx xi NGO li jixtiequ jdaħħlu f'din l-attivita. Il-Viċi-Sindku jissuġġerixxi li għandha tintbagħat email toffri lil min jixtieq jippartecipa.

**78.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

78.5.1 Il-Viċi-Sindku jgħaddi lment illi fi Triq K. Galea saru xi tabelli u ilhom hemmhekk għal żmien twil mgħottijin bil-garbage bags. Bir-riħ illi sar, il-garbage bag inqalgħet u qed ikun hemm taħwida fid-diversions. Huwa jissuġġerixxi li għandha tittieħed azzjoni fosthom li jgħattuhom jerġgħu sakemm Infrastructure Malta tneħħihom.

78.5.2 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello tistaqi fuq l-underpass. Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjegalha li bħalissa qeghdin fil-proċess li qed jagħmlu l-aluminium, ir-rails. Hija tistaqsi wkoll fuq il-madum għaliex hemm il-kaxxi. Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjega li dik hija f'idejn il-kuntrattur li jlaħħaq maż-żmien.

78.5.4 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello tikkummenta wkoll fuq Triq Ċikku Bonnaci fejn hemm il-Maypole tistaqsi li hemmhekk qegħdin iħaffru t-trenches iżda hemmhekk qed ikun hemm il-makkinarji fin-nofs u l-karozzi ma jistgħux jgħaddu.

**78.6 Unaudited Financial Statements**

Is-Sur Christian Vella ppreżenta r-rapport finanzjarju mhux awditjat. Il-proċess kien wieħed tajjeb mingħajr problemi u l-accountant qed jistenna li fi ftit ġranet, il-proċess tal-awditjar ikun lest. L-account ta ukoll ir-riżultati tal-2023. Skontu kienet sena impenjattiva - mill-aspett finanzjaru l-Kunsill kellu l-istess pattern bħas-snin li għaddew billi adotta l-istess strateġija ta' manutenzjonijiet u l-Kunsill ibbenifika minn diversi fondi. Il-Kunsill ukoll rażżan ċertu spejjeż li kellu matul is-sena. B'sodisfazzjon l-accountant jgħid li l-Kunsill għalaq f'pożizzjoni tajba. L-

accountant jagħti parir lill-Kunsill biex jibqa' jadotta l-istess passi li adottat Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia għaliex il- Kunsill għamel qabża tajba.

L-accountant Christian Vella jirreferi għar-rendikont ta' x'daħħal u x'ħareġ il-Kunsill. Il-Kunsill spiċċa b'surplus ta' EUR 74,712. Is-Sur Christian Vella daħal f'dettall fuq biċċa biċċa fuq l-attivita finanzjarja tal-Kunsill. Is-sors prinċipali tad-dħul kien mill-allokazzjonijiet finanzjarji. Huwa jirrimarka li f'dik is-sena kien hemm żieda mis-snin ta' qabel. L-accountant jagħti wkoll rendikont ta' dħul minn postijiet oħra li huma minimi meta kkumparati mall-allokazzjonijiet finanzjarji.

L-accountant Christian Vella jirreferi għall-ispejjeż li saru fosthom tas-salarji, operations and maintenance, tiswijiet tat-tabelli tat-traffiku, road markings, tiswijiet fl-għamara tal-uffiċċju, tiswijiet fl-apparati tal-ħaddiema, u diversi tiswijiet li jsiru fil-lokalita bħal fil-propjetajiet tal-Kunsill fosthom fiċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill kellu wkoll l-ispiża tal-collection of waste mid-door to door u anka tal-Bulky Refuse. Issir referenza wkoll għall-kontijiet bħal tad-dawl u ilma, servizzi ġenerali tal-uffiċċju, u s-servizz tat-trasport lill-anzjani fost l-oħrajn. Iż-żewġ spejjeż kbar li kellu l-Kunsill kien l-Istazzjon u x-xiri tal-vann biexj intuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

L-accountant jissuġġerixxi li l-Kunsill għandu jara li jżomm ma' benchmark ta' 10%. Din is-sena, l-2023, il-Kunsill għalaq b'positive indicator ta' 7.9%. Dan huwa milestone tajjeb ħafna u jirrikomanda li l-Kunsill jibqa' jibni fuq dan.

Il-Kunsill għadda mistoqsija lill-accountant fuq id-dejn li kien hemm qabel l-2013, kważi nqata' kollu. Id-dejn hafna minhu huwa ta' xi xogħlijiet riċenti.

Il-Kunsill kollu qabel mar-rapport finanzjarju mhux awditjat.

**78.7 Skema Ġonna fl-Urban Scheme**

78.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tgħid li ħarġet skema fejn il-Kunsill ser jingħata l-fondi biex iħawwel is-siġar taż-żebbuġ u taċ-ċitru. Il-Kunsill kollu qabel mal-iskema u ħa jibbenifikaw minnha.

**78.8 SPI/SCI/9/2022 - Finanzjament ta' Proġett Kapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom**

79.8.1 Ftit ta' laqgħat ilu s-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia kienet qasmet mal-Kunsilliera s-subway. Il-Kunsill kien qabel li jirranġaw l-affarijiet ta' periklu li kien hemm. Dawn jinkludu l-madum, ir-rail tal-aluminium, id-dawl u żewġ ħitan li kienu qegħdin jaqaw.

**78.9 Torri Wejter**

78.9.1 L-owners bagħtu lill-Kunsill jekk iridux jagħmlu kollaborazzjoni magħhom, spejjeż magħhom, biex dan jiġi NGO. Il-Kunsill bħala stakeholder ikun jista' jużah. Huma jixtiequ li

japplikaw għall-fondi tal-Ewropa. Id-diffikulta hija li tirrikjedi ħafna ħin u bħalissa m'għad baqax. Ġie maqblu li din tgħaddi għall-Kunsill li jmiss.

**78.10 Contracts**

**78.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 58/8**

78.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda tal-pagamenti 58/8. Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsilliera Rita Borg u ssekondata mill-Kunsillier Karl Cutajar.

78.11.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda tal-petty cash. Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsillier Sa Rita Borg u ssekondata mill-Kunsillier Karl Cutajar.

**78.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

78.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Owen Attard.

Konfermati, illum 13 ta' Mejju 2024.

Jimmy Calleja.

IFFIRMATI
Joanne Debono Grech
Sindku

Mandy Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

* Is-Sinjura Terry Muscat proponiet li nejnu fil-Attivita ta Muza. Il-Kunsill iddecieda li issir fil-Laqgha li jmiss min sindku gdid.

Is-sindku iddeccdiet li ma sirx dan l-arrangament